# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha, 5 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 22**

**Rikors Guramentat Numru:- 797/2018 JVC**

**Legesse Samson [ID405592M] u Legese Dawit Samson [ID238895M]**

**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Samson Legesse et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi, preliminarjament jigi rilevat li dan ir-rikors qieghed jigi redatt u pprezentat lil dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-**Art. 253** *et seq.* tal-**Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta];**

2. Illi, **Samson Legesse,** detentur tal-karta tal-identità` Maltija bin-numru **405592M**, [*vide* **DOK 'A'** – *kopja tal-karta ta' identità Maltija ta'* **Samson Legesse**] li huwa residenti gewwa l-fond Nru. 4, Sqaq Sant' Elija, Sliema, huwa l-attur f'dawn il-proceduri li bihom qieghed jittenta ibiddel il-mod kif inhu spellut kunjomu *ai sensi* tal-**Art. 253(3) tal-Kap.16**;Illi, fl-Etjopja il-mod kif il-kunjom tal-attur jigi spellut bl-alfabett tal-lingwi tal-Punent, jiddependi minn liema traduzzjoni l-ufficjal li jkun qieghed dak il-hin jimla il-formola rikjesta, ikun gej. Kemm il-darba li l-ilsien ufficjali tal-Etjopja huwa Ahmariku, hemm numru ta' varjat ta' gruppi etnici fl-Etjopja li ghandhom il-lingwa taghhom li ghal ragunijiet daqstant varjati jiktbu u jitkellmu b'dik il-lingwa. Minn naha l-ohra hemm tradizzjoni jew ahjar influwenzi jew xaqliba lejn il-lingwa Franciza u dik Taljana minhabba rabtiet storici, gejopolitici u kulturali, u dana skond minn fejn l-individwu ikun gej u fejn trabba, u dan kif ser jigi muri tul il-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Illi, **Samson Legesse** gej mit-tradizzjoni Franciza u ghalhekk kunjomu bl-alfabett Ewropew ghandu jigi miktub **Leguesse** u mhux **Legesse**, kif wara kollox jidher fil-passaport Etjopiku tieghu li jgib in-numru **P071956** u sahansitra ic-certifikat tac-cittadinanza Maltija, dokumenti bankarji u dikjarazzjonijiet ghal skop fiskali [*vide* **DOK 'B'** - *kopja tal-passaport*, **DOK 'C'** – *kopja tac-certifikat ta' cittadinanza*, **DOK 'D'**

– *kopja tal-estratt ta' kont bankarju mal-bank HSBC Malta plc* u **DOK 'E'** - *kopja ta' FS3*];

4. Illi, permezz taz-zwieg tieghu ma' **Josephine Vella**, bint Vincent u Maria, imwielda nhar it-**18.05.1946** gewwa **Nru.4, Sqaq Sant. Elija, Sliema** liema twelid gie registrat fl-**24.05.1946** bin-numru progressiv **4414**, liema zwieg gie ccelebrat gewwa l-Etjopja nhar il-**04.05.1982** [*vide* **DOK 'F'** – *kopja tac-certifikat taz-zwieg tal-konjugi Legesse*], **Samson Legesse** gie sussegwentement innaturalizzat bhala cittadin Malti fil-**04.12.1991** [*vide infra supra*];

5. Illi, sussegwentement ghan-naturalizzazjoni tieghu, Samson Legesse, irrregistra it-twelid tieghu li sehh mad-direttur tar-Registru Pubbliku nhar is-**07.09.1992** u dan a bazi ta' certifikat ta' twelid mahrug mill-konsolat tal-Etjopja gewwa Ruma, l-Italja liema certifikat igib in-numru **2886/89** u dan skond il-kontenut tal-Att ta' Twelid hawn riferit li jgib in-numru progressiv **4055** [*vide* **DOK 'G'** – *Att ta' twelid ta' Samson Legesse*];

6. Illi, frott iz-zwieg ma' Josephine, il-konjugi Legesse, kellhom erbat itfal – **Dawit Samson Legese**, **Vincent Samson Legesse**, **Fikre Selam Legesse** u **Yonas Leguesse**- fejn bdiet is-saga vera u propja tal-kunjom **Legesse** jew ahjar **Leguesse**, [*vide* **DOK 'H'** - *Arblu tar-razza tal-familja Legesse/Leguesse/Legese*];

7. Illi, **Dawit Samson**, detentur tal-karta tal-identità bin-numru **238895M** [*vide* **DOK 'I'** – *kopja tal-karta ta' identità Maltija ta'* **Dawit Samson Legese**], twieled nhar il-**16.11.1982** gewwa

**Shoa, Addis Abeba**, **Etjopja** u dan kif muri fl-Att ta' Twelid mahrug fil-**15.06.1995** li jgib in-numru **0071076** bin-numru progressiv **2388** [*vide* **DOK 'J'** – *Att ta' Twelid ta' Dawit Samson Legese*];

8. Illi, **Vincent Samson**, detentur tal-karta tal-identità` bin-numru **233484M** [*vide* **DOK 'K'** – *kopja tal-karta ta' identità Maltija ta'* **Vincent Samson Legesse**], twieled nhar il-**27.04.1984** gewwa **l-Pieta`, Malta** u dan kif muri fl-Att ta' Twelid mahrug fil-**17.05.1984** li jgib in-numru **0071081** bin-numru progressiv **2234** [*vide* **DOK 'L'** – *Att ta' Twelid ta' Vincent Samson Legesse*];

9. Illi, **Fikre Selam**, detentur tal-karta tal-identità` bin-numru **337086M** [*vide* **DOK 'M'** – *kopja tal-karta ta' identità Maltija ta'* **Fikre Selam Legesse**], twieled nhar il-**29.06.1986** gewwa **l-Pieta`, Malta** u dan kif muri fl-Att ta' Twelid mahrug fil-**08.08.1986** li jgib in-numru **0071078** bin-numru progressiv **3370** [*vide* **DOK 'N'** – *Att ta' Twelid ta' Fikre Selam Legesse*];

10. Illi, **Yonas Michael Daniel Luke**, detentur tal-karta tal-identità bin-numru **414287M** [*vide* **DOK 'O'** – *kopja tal-karta ta' identità Maltija ta'* **Yonas Michael Daniel Luke Leguesse**], twieled nhar il-**12.09.1987** gewwa **l-Pieta`, Malta**, u dan kif muri fl-Att ta' Twelid mahrug fil-**02.10.1987** li jgib in-numru **0071077** bin-numru progressiv **4142** [*vide* **DOK 'P'** – *Att ta' Twelid ta' Yonas Michael Daniel Luke Leguesse*];

11. Illi, **Fikre Selam Legesse** izzewweg lill-**Lena Muprhy** liema zwieg gie ccelebrat gewwa l-Irlanda nhar is-**16.10.2017**;

12. Illi, il-kunjom ta' Yonas Michael Daniel Luke , kif ukoll dak riprodott ta' missieru *qua* attur, huwa l-uniku wiehed li huwa spellut korrettament -**<u>Leguesse</u>** u mhux **Legesse** jew **Legese** jew xi interazzjoni ohra li jidhirlu id-Direttur tar-Registru Pubbliku;

13. Illi, it-tifel **Dawit Samson**, minbarra li irid flimkien mal-ahwa kollha tieghu li kunjomu jigi spellut bhala Leguesse, irid ukoll li ismu jigi mibdul ghal '***David***';

14. Illi, il-kunjom Leguesse huwa dak l-isem li bih l-attur qieghed jaghmel din it-talba gudizzjarja ghar-registrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet l-attur uza ghalih jew ghal familja tieghu, sabiex jigu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom l-attur kien konsistentement imsejah, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv u dan a tenur l-**Art. 238(2)** tal-**Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

15. Illi, peress li l-attur ma huwiex moghni minn **<u>minn dokument ta' identifikazzjoni legalment validu</u>** jew **<u>minn dokument ta' identifikazzjoni legalment validu</u>** sabiex jista' juri lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li l-isem jew ismijiet li l-attur ikun uza ghal l-familja tieghu ma huwiex proprjament isem jew ismijiet differenti izda **<u>verzjoni tradotta f'lingwa Ewropea ohra</u>** tal-istess isem jew ismijiet li jkunu registrati fl-att tat-twelid sabiex ikun jista' jaghmel it-talba *ai sensi* tal-**Art 253**, kellha ghalhekk issir din il-kawza;

16. Illi, minhabba f'hekk l-Ambaxxata tal-Etjopja recentement intalbet sabiex tohrog traduzzjoni gdida tac-certifikat

originali tal-Att ta' Twelid Etjopiku, liema att igib in-numru **2886/89**[1] u liema traduzzjoni ghandha turi li il-kunjom spellut Leguesse u mhux Legesse jew Legese. Dan id-dokument kien ghadu mhux redatt sal-hin tal-prezentata ta' dan ir-rikors;

17. Illi, d-Direttur tar-Registru pubbliku xort'ohra gie intimat sabiex jaghmel dan it-tibdil permezz tal-ittra ufficjali bin-numru **2539/2018** [*vide* **DOK 'Q'** – *kopja legali tal-ittra ufficjali 2539/2018* fl-ismijiet ***Legesse Samson vs. Direttur tar-Registru Pubbliku***];

Ghaldaqstant, umilment jitlob r-rikorrent, a tenur tal-provi dokumentarji kollha hawn annessi, kif ukoll dawk il-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tas-smigh ta' dan ir-rikors, sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex:

1. Fl-Att ta' Twelid li jgib in-numru **0071079**, bin-numru progressiv **4055** liema Att huwa ddatat id-**07.09.1992** li jirreferi ghat-twelid tal-attur **Samson Legesse** li sehh nhar l-**11.06.1954**, fil-kolonna intestata '*Isem u Kunjom*' u fir-rig intestat '*Missier it-Tarbija*' li tinsab fil-kolonna intestata '*Taghrif dwar*', il-kunjom **Legesse** jigi sostitwit bil-kunjom '**Leguesse**' stante li din huwa il-kunjom li huwa hu maghruf bih; u konsegwentement

[1] Riferenza ghal dan ic-certifikat tat-twelid issir fl-annotazzjonijiet tal-Att ta' Twelid premess.

2. Tordna li it-tibdil fl-Att ta' Twelid ta' **Samson Legesse** jigi rifless kull Att tal-Istat Civili relattiv ghalih kif ukoll f'dawk l-atti kollha tat-tfal tieghu u dixxendenti ohra senjatament l-Atti li jgibu in-numri **0071076** mahrug fil-**15.06.1995** (*Dawit Samson*), **0071081** mahrug fil-**17.05.1984** (*Vincent Samson*), **0071078** mahrug fil-**08.08.1986** (*Fikre Selam*)fl-Atti bin-numri a tenur l-**Art 253(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Tordna illi l-isem ta' **Dawit Samson**, kif riportat fl-Att ta' Twelid tieghu li jgib in-numru **0071076** li ghandu n-numru progressiv **2388** mahrug fil-**15.06.1995** fil-kolonna intestata '*Ismijiet mghotijin*' u kif ukoll fil-kolonna intestata '*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*' l-ismijiet **Dawit Samson** li jidhru f'dawn il-kolonni jigu sostitwiti bl-isem **David**;

4. Tordna li it-tibdil fl-Att ta' Twelid ta' **Dawit Samson Legese** jigi rifless kull Att tal-Istat Civili relattiv ghalih kif ukoll f'dawk l-atti kollha tat-tfal tieghu u dixxendenti ohra u l-Att taz-Zwieg tieghu;

5. Taghti kwalsijasi ordni jew direttiva li jidrilha opportuna u xierqa'.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

'Prelimarjament:

1. Illi l-artikoli citati fir-rikors promotur u abbazi ta' liema r-rikorrenti qed isejsu din l-azzjoni, cioe' Artikolu 253(3), Artikolu

238(2) u Artikolu 283(2A) tal-Kodici Civili, ma humiex applikabbli ghall-azzjoni odjerna;

2. Illi l-esponent jeccepixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

Fil-mertu u bla pregudizzju:

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent jaghmel referenza ghall-Ittra Ufficcjali li giet ipprezentata minn Josephine u Samson Legesse, nhar is-17 ta' Lulju 2018. L-esponent jissottolineja illi ai termini tal-Artikolu 460, ma hemmx il-htiega illi tigi pprezentata ittra ufficcjali jew protest qabel ma tinbeda azzjoni ghall-korrezzjoni ta' atti tal-istat civili;

4. Illi fir-rigward ghall-korrezzjoni tal-isem ta' Dawit Samson Legese, u dan sabiex jigi mibdul ghal 'David', l-esponent jirrileva illi r-rikorrent gie mwieled gewwa l-Etijopja u l-Att tat-Twelid originali gie registrat gewwa Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Meta saret it-talba sabiex l-Att in kwistjoni jigi rregistrat, gie fornit lill-esponent kopja tal-Att tat-Twelid esteru, hawn anness u mmarkati bhala 'Dok. DRP 1'. Wara l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni u l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, l-esponent kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, u b'hekk huwa ghadda ghar-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid billi *ad verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru. Dan ifisser illi stante li fl-Att tat-Twelid esteru pprovdut lill-esponent, isem ir-rikorrent kien imnizzel bhala 'Dawit', l-esponent kien kostrett li jnizzel fl-

Att tat-Twelid rregistrat gewwa Malta l-istess isem u dan stante li l-esponent huwa marbuta li jnizzel fl-Att tat-Twelid Malti l-istess informazzjoni u dettalji li jinsabu fl-Att tat-Twelid esteru;

5. Illi maghdud mal-premess, l-esponent jirrileva ukoll illi gialadarba r-rikorrent twieled gewwa l-Etijopja, l-esponent ma jistghax jikkoregi l-Att li huwa rregistra abbazi tal-Att originali esteru, salv jekk tali bidla ma tkunx giet diga' riflessa fl-Att tat-Twelid originali gewwa l-Etiopja. Stante dan, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrent ghandu jipprezenta dawk il-provi sabiex huwa jikkorrabora illi l-bidla fl-isem minn 'Dawit' ghal 'David' hija tigi rikonoxxuta mill-Awtoritajiet tal-Etijopja;

6. Illi fir-rigward tal-kunjom, l-esponent jibda sabiex jaghmel l-osservazzjonijet tieghu u dan abbazi tad-dokumenti li jinsabu fil-pussess tieghu:

a. Samson Legesse, gie mwieled l-Etijopja u l-Att tat-Twelid originali esteru gie rregistrat hawn Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Sabiex setghet issir tali registrazzjoni, ir-rikorrent applika u forna lid-Dipartiment konvenut b'kopja tal-Att tat-Twelid tieghu flimkien ma' traduzzjoni tal-istess, liema dokumenti jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 2' u 'Dok. DRP 3', rispettivament. L-esponent, ghaldaqstant irregistra u hareg l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, liema kopja ta' dan l-Att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', u dan skont l-informazzjoni li kienet tinsab fuq l-Att tat-Twelid originali;

b. Dawit Samson Legese, gie mwieled l-Etijopja u l-Att tat-Twelid originali esteru gie rregistrat hawn Malta ai termini

tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Sabiex setghet issir tali registrazzjoni, ir-rikorrent applika u forna lid-Dipartiment konvenut b'kopja tal-Att tat-Twelid tieghu, mmarkata bhala 'Dok. DRP 1'. L-esponent, ghaldaqstant irregistra u hareg l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, liema kopja ta' dan l-Att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 5', u dan skont l-informazzjoni li kienet tinsab fuq l-Att tat-Twelid originali;

c. Vincent Samson Legesse, gie mwieled Malta u l-Att tat-Twelid tieghu nhareg abbazi tal-informazzjoni li giet mghoddija lill-esponent mill-persuna li kienet iddikjarat it-twelid ta' Vincent Samson Legesse. Kopja tal-Att tat-Twelid ta' Vincent Samson Legesse, jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 6';

d. Fikre Selam Legesse, gie mwieled Malta u l-Att tat-Twelid tieghu nhareg abbazi tal-informazzjoni li giet mghoddija lill-esponent mill-persuna li kienet iddikjarat it-twelid ta' Fikre Salem Legesse. Kopja tal-Att tat-Twelid ta' Fikre Salem Legesse, jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 7';

e. Yonas Michael Daniel Luke Leguesse, gie mwiehed Malta u l-Att tat-Twelid tieghu nhareg abbazi tal-informazzjoni li giet mghoddija lill-esponent mill-persuna li kienet iddikjarat it-twelid ta' Yonas Michael Daniel Luke Leguesse. Kopja tal-Att tat-Twelid ta' Ynas Michael Daniel Luke Leguesse, jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 8';

7. Illi in vista tas-suespost, l-esponent ma jistghax jaqbel ma' dak li gie ddikjarat mir-rikorrenti, fejn donnu jaghti x'jifhem illi d-Direttur konvenut b'mod kappriccuz ghazel li jirregistra

verzjonijiet differenti tal-kunjom 'Legesse' kemm lir-rikorrenti u kif ukoll lil dawk kollha li gew hekk indikati fir-rikors promotur. L-esponent jissottolineja illi huwa dejjem qeda dmirijietu skont kif kien spettanti minnu abbazi tal-ligi;

8. Illi maghdud mal-premess, l-esponent ukoll jaghmel referenza ghal fatt illi r-rikorrenti ddikjaraw illi "*Kemm il-darba li l-ilsien ufficjali tal-Etjopja huwa Ahmariku, hemm numru ta' varjat ta' gruppi etnici fl-Etjopja li ghandhom il-lingwa taghhom li ghal ragunijiet daqstant varjati jiktbu u jitkellmu b'dik il-lingwa. Minn naha l-ohra hemm tradizzjoni jew ahjar influwenzi jew xaqliba lejn il-lingwa Franciza u dik Taljana minhabba rabtiet storici, gejopolitici u kulturali, u dana skond minn fejn l-individwu ikun gej u fejn trabba...*". Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi huma gejjin mit-tradizzjoni Franciza, u ghalhekk tali kunjom bl-alfabett Ewropew skont ir-rikorrenti ghandu jigi miktub bhala 'Leguesse'. Pero l-esponent jinnota illi nonostante l-fatt li r-rikorrenti jiddikjaraw li kunjomhom ghandu jinkiteb skont it-tradizzjoni Franciza, huma xorta ghazlu li jgibu kopja tal-Atti Originali tal-Etijopja mill-Ambaxxata tal-Etijopja gewwa Ruma, l-Italja u mhux minn dik ta' Parigi gewwa Franza. Ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrenti ghandhom jippruvaw permezz ta' provi konvincenti l-allegazzjoni taghhom rigward it-tradizzjonijiet hekk imsemmija;

9. Illi stante s-suespost, l-esponent huwa tal-fehma illi l-ewwel u t-tieni t-talba, ma jimmeritawx li jigu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti, filwaqt illi fir-rigward tat-tielet u r-raba' talba, l-esponent jirrimetti ruhu salv illi l-provi prodotti jkunu l-iktar sodisfacenti ghal din l-Onorabbli Qorti. Maghdud ma' dan, l-esponent ukoll jenfasizza illi rigward ir-raba' talba, b'mod

specifiku ghal Att taz-Zwieg ta' Dawit Samson Legese, dan ghadu ma giex registrat hawn Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponent jissottometti li l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi m'ghandhux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.'

Rat l-affidavits, xiehda, certifikati, arblu geneologiku, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi permezz ta' digriet tat-3 ta' Marzu, 2020 din il-Qorti laqghet it-talba sabiex fil-paragrafu 15 tar-rikors guramentat, ir-referenza ghall-Artikolu 283 jigi korrett ghal dak ta' 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Marzu, 2020 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghallum;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza giet intavolata a tenur tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz tal-kawza odjerna l-attur Samson Legesse qieghed jitlob illi ssir korrezzjoni f'kunjomu billi jigi sostitwit minn dak 'Legesse' ghal dak ta' 'Leguesse' u liema tibdil ghandu jigi rifless f'kull Att tal-Istat Civili relattiv ghalih, inkluz f'dawk l-atti kollha tat-tfal tieghu u dixxendenti, senjatament f'dawk ta' Dawit Samson bin-numru 0071076 mahrug fil-15 ta' Gunju, 1995; ta' Vincent Samson bin-numru 0071081 mahrug fis-17 ta' Mejju, 1984; u finalment dak ta' Fikre Selam bin-numru 0071078 mahrug fit-8 ta' Awwissu, 1986.

Illi l-attur l-iehor Dawit Samson Legese qieghed jitlob illi ismu Dawit Samson hekk kif riprodott fl-Att tat-Twelid tieghu bin-numru 0071076 bin-numru progressiv 2388 jigi sostitwit bl-isem David u konsegwentement tali tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tieghu kif ukoll f'dawn ta' uliedu u dixxendenti ohra u fl-Att taz-Zwieg tieghu.

Illi fir-risposta tieghu pprezentata nhar it-8 ta' Ottubru, 2018 (a fol. 36 *et seq* tal-process) l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa preliminarjament illi l-ligi taghti biss lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet u mhux fil-kunjomijiet salv pero' jekk ikun rizultat ta' zball genwin. Fil-mertu eccepixxa *inter alia* illi fir-rigward l-korrezzjoni tal-isem Dawid Samson ghal dak ta' David, huwa mexa *ad verbatim* mal-Att tat-Twelid originali tal-Etijopja li gie rregistrat hawn Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Di piu' gialadarba huwa twieled gewwa l-Etijopja d-Direttur ma jistax jikkoregi l-Att li huwa registrat abbazi tal-Att originali. Fir-rigward il-kunjom, eccepixxa li ghalkemm l-attur Samsone Legesse ddikjara li ismu gej mit-traduzzjoni Franciza huwa xorta ghazel illi jgib kopja tal-atti originali mill-Ambaxxata

tal-Etijopja gewwa Ruma, l-Italia meta seta' facilment ottjena tali traduzzjoni minn gewwa Parigi fi Franza. Finalment eccepixxa illi huwa tal-fehma li fir-rigward l-ewwel u t-tieni talbiet dawn ma jimmeritawx li jigu akkolti, filwaqt li t-tielet u r-raba' talba rrimetta ruhu salv illi l-provi jkunu l-iktar sodisfacenti ghal Onorabbli Qorti.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern hekk kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 29 tal-process.

Illi kronologikament din il-Qorti sejra tibda billi titratta l-ewwel u t-tieni talbiet relatata mat-tibdil tal-kunjom 'Legesse' ghal dak 'Leguesse'. Sussegwentament titratta t-tielet u r-raba' talbiet relatati mat-tibdil tal-isem Dawit Samsone ghal dak ta' David.

**<u>L-Ewwel u t-Tieni talbiet – Sostituzzjoni tal-kunjom Legesse ghal dak Leguesse:</u>**

Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fit-tieni eccezzjoni tieghu, jecceppixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet u mhux fil-kunjomijiet salv ghal rizultat ta' zball genwin.

Illi jibda billi jinghad li ghalkemm l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jsemmi biss isem u mhux ukoll kunjom, huwa ormai assodat bil-gurisprudenza nostrana, illi l-Qrati m'ghadhomx japplikaw l-ligi b'rigorozita' stretta u qeghdin jigu awtorizzati korrezzjonijiet fil-kunjom jekk jintwera li kien rizultat ta' zball genwin. Ir-raguni primarja ghalfejn il-korrezzjoni tal-kunjom hija aktar imprekattiva minn dik tal-isem hija proprju

minhabba l-interess pubbliku u dan stante li kambjamenti f'kunjom jista' johloq pregudizzju lejn interess ta' terzi. Di fatti hekk inghad fis-sentenza **John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace -vs- Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-2 ta' Marzu, 1994 fejn gie ritenut illi:

> '… Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma certu individwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista jkun komplet, u kien propju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, l-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti infatti qalet hekk:- "*Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicat*".'

Illi l-attur Samson Legesse jattribwixxi d-differenza bejn il-kunjom kif inhu miktub illum 'Legesse' ghal dak li qed jintalab 'Leguesse', ghal fatt illi fl-Etijopja l-mod kif il-kunjom tieghu jigi spellut bl-alfabett tal-lingwa tal-Punent jiddependi minn l-ufficjal li jkun qieghed jimla' l-formula. Dan ghaliex hemm numru varjat ta' gruppi etnici fl-Etijopja li ghandhom il-lingwa taghhom u dan jinfluwenza l-miktub u l-mitkellem. Di piu' hemm influwenzi ohra bhal lingwa Franciza u dik Taljana li jistghu jikkontribwixxu ghal varjanti. Dan japplika ghal kaz tal-attur Samson Legesse fejn jghid illi huwa gej mit-tradizzjoni Franciza u ghalhekk kunjomu ghandu

jinkiteb 'Leguesse' u mhux 'Legesse'.

Illi mill-atti precizament mic-certifikati bin-numru progressiv 4055 ta' Samson Legesse a fol. 16 tal-process immarkat bhala Dok G; ic-certifikat bin-numru progressiv 2388 ta' Dawit Samson Legese a fol. 19 tal-process immarkat bhala Dok J; ic-certifikat bin-numru progressiv 2234 ta' Vincent Samson Legesse a fol. 21 tal-process immarkat bhala Dok L; certifikat bin-numru progressiv 3370 ta' Fikre Selam Legesse a fol. 23 tal-process immarkat bhala Dok N; u c-certifikat bin-numru progressiv 4142 ta' Yonas Michael Daniel Luke Leguesse a fol. 25 tal-process immarkat bhala Dok P, jirrizulta bl-aktar mod car li hemm tlett (3) verzjonijiet tal-kunjom Legesse u cioe' Legesse, Legese u Leguesse.

Illi l-attur ipprezenta kopji ta' dokumenti ufficjali minn fejn jirrizulta li kunjomu huwa ndikat bhala dak ta' Legesse. Fosthom ipprezenta kopja tal-karta ta' l-identita tieghu a fol. 10 tal-process immarkata bhala Dok A fejn ismu u kunjomu huma ndikati bhala Samson Legesse, kif ukoll kopja tac-certifikat taz-zwieg tieghu mahrug fl-istat tal-Etijopja a fol. 15 tal-process immarkat bhala Dok F fejn kunjomu huwa ndikat bhala dak ta' Legesse.

Illi mill-banda l-ohra pprezenta wkoll dokumenti varji sabiex isahhah l-posizzjoni tieghu fir-rigward l-uzu tal-kunjom Leguesse. Di fatti pprezenta kopja tal-passaport Etijopjan a fol. 11 tal-process immarkat bhala Dok B li juri l-kunjom bhala dak ta' Leguesse; kopja tac-certifikat ta' Cittadinanza a fol. 12 tal-process immarkat bhala Dok C fejn kunjomu huwa ndikat bhala dak ta' Leguesse u kopja tal-FS 3 tieghu datata 31 ta' Dicembru, 2015 a fol. 14 tal-process immarkata bhala Dok E minn fejn jirrizulta li kunjomu huwa wkoll indikat bhala Leguesse. L-attur ipprezenta wkoll

'Consolidated Customer Position Sheet' mahruga mill-bank HSBC a fol. 13 tal-process immarkata bhala Dok D fejn l-attur huwa ndikat bl-isem u bil-kunjom ta' Samson Leguesse. Minn dan id-dokument li huwa datat 17 ta' Dicembru, 2010 jirrizulta li l-attur kellu self ma' dan il-bank. Jekk effettivament ghadux jezisti dan is-self, din il-Qorti m'hijiex ingrad li tistabbilixxi gialadarba ghaddew disa' (9) snin mill-hrug tad-dokument, madanakollu jibqa l-fatt li l-attur huwa maghruf mal-bank bil-kunjom ta' Leguesse u mhux Legesse.

Illi mid-dokumenti li gew pprezentati mill-attur l-iehor Dawit Samson Legese fosthom ir-remittance advice tal-iskola sajf a fol. 54N immarkat bhala Dok H; slip ta' depositu tal-bank BOV a fol. 54O immarkata bhala Dok I u l-FFS statement a fol. 54P immarkat bhala Dok J; kopja ta' dokument mid-Dipartiment tat-Taxxa a fol. 54Q immarkat bhala Dok K ilkoll jindikaw l-kunjom bhala dak ta' Leguesse u mhux Legesse. L-istess jista jinghad fir-rigward tad-dokumenti pprezentati mit-tifel Fikre Legesse b'mod specjali referenza issir ghall-kopja tal-faccata tas-sanction letter datata 27 ta' April, 2012 a fol. 54W tal-process fejn l-kunjom huwa indikat bhala dak ta' Leguesse.

Illi din il-Qorti tinnota li aktar milli t-tibdil fil-kunjom Legesse ghal dak ta' Leguesse, huwa d-diversi verzjonijiet tal-kunjom li sejjer johloq pregudizzju lit-terzi. Dan qieghed jinghad ghaliex filwaqt li ufficjalment il-kunjom s'issa huwa rikonoxut bhala Legesse, fil-uzu kwotidjanju l-kunjom li qieghed jintuza huwa dak ta' Leguesse u dan kif jidher mid-dokumenti varji li gew prezentati mill-atturi stess.

Il-qorti rat ukoll id-dikjarazzjoni li ma gietx kontestata da parti tal-

Ambaxxata tal-Etjopja a fol. 67 tal-process fejn gie dikjarat li kunjoim huwa dak ta' 'Leguesse'.

Illi din il-Qorti fic-cirkostanzi kollha suesposti tqis li huwa fl-ahjar interess kemm tal-partijiet involuti kif ukoll fl-interess pubbliku in generali li r-rikorrent Samson u wliedu kollha jgorru l-istess kunjom u cioe' li kollha jkollhom kunjomhom miktub b'mod wiehed u mhux diversi modi.  Stante li jirrizulta lil din il-Qorti li anki fil-pajjiz ta' origini tieghu il-kunjom 'Leguesse' huwa rikonoxxut bhala kunjom ir-rikorrenti u wkoll li f'Malta kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-ulied abitwalment ghal numru ta' snin uzaw il-kunjom miktub bhala 'Leguesse' il-Qorti tqis li ghandha tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti.

**<u>It-Tielet u r-Raba' talbiet – Sostituzzjoni tal-isem Dawit Samson ghal dak ta' David:</u>**

Illi fir-rikors guramentat tressqet ukoll talba mill-attur Dawid Samson sabiex ikun hemm kambjament f'ismu billi minn dak ta' Dawid Samson jigi sostitwit b'dak ta' David.

Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku laqa' ghal din it-talba billi qal illi huwa mexa mal-att originali tal-attur li twieled gewwa l-Etijopja u ghalhekk l-Att tat-Twelid tieghu gie registrat *ad verbatim* ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Eccepixxa wkoll illi la darba l-attur kien imwieled l-esteru huwa ma jistax jikkoregi l-Att li huwa rregistra abbazi tieghu. Finalment fid-disa' eccezzjoni tieghu rrimetta ruhu salv illi l-provi jkunu l-iktar sodisfacenti.

Illi l-attur Dawit Samson xehed bil-procedura tal-affidavit a fol.

54B *et seq* tal-process fejn qal illi huwa dejjem introduca lilu nnifsu bhala David. Stqarr illi ma jiftakarx illi qatt qal li jismu Dawit Samson ghajr ghal darba fi zmien l-iskola fejn din il-persuna xerdet il-kelma u ghalhekk kienu jghaddu z-zmien bih. Peress illi huwa dejjem introduca lilu nnifsu bhala David hafna drabi jkollu jaghti spjegazzjoni ghaliex fuq il-karta tal-identita' tieghu huwa ndikat bl-isem ta' Dawit Samson fejn huwa jwiegeb 'It is the same just in a different language, like Peter and Pietro.' Jkompli jghid illi din it-traduzzjoni hija tedjanti f'certu cirkostanzi u jaghti ezempju meta jircievi cekk fejn generalment dan jigi mnizzel bhala David pero' l-Bank ma jsarrfux jekk ma jkunx Dawit.

Illi mal-affidavit tieghu huwa pprezenta diversi dokumenti li jidentifikawh bhala David u mhux Dawit Samson fosthom 'Remittance Advice' mahrug mill-Gvern ta' Malta a fol. 54N immarkat bhala Dok H; kopja ta' dokument mahrug mill-bank BOV plc a fol. 54O immarkat bhala Dok I fejn huwa ndikat bhala David S Leguesse; FSS Payee Statement of Earnings a fol. 54P fejn huwa ndikat bl-isem ta' David Leguesse kif ukoll kopja ta' dokument mahrug mid-Dipartiment tat-Taxxa a fol. 54Q immarkat bhala Dok K fejn huwa ndikat bhala David Leguesse.

Illi in vista tal-provi fl-atti u tas-suespst il-Qorti tqis li tressqu provi sufficjenti sabiex jissodisfaw lil din il-Qorti li r-rikorrenti ilu sa minn ckunitu maghruf bl-istess ta' David u mhux b'dak indikat fic-certifikat tat-twelid tieghu Dawit u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' wkoll it-tielet u r-raba' talba.

Stante li l-korrezzjonijiet mitluba ma jirrizultawx minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi fl-Att tat-Twelid bin-numru 0071079 bin-numru ta' iskrizzjoni 4055 datat 7 ta' Settembru, 1992 li jirreferi ghat-twelid tal-attur Samson Legesse (esebit a fol. 16) fil-kolonna intestata '*Isem u Kunjom*'; fir-rig intestata '*Missier it-Tarbija*' li tinsab fil-kolonna intestata '*Taghrif dwar*', il-kunjom 'Legesse' ghandu jigi sostitwit bil-kunjom **'Leguesse';**

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li tali sostituzzjoni tigi riflessa fuq kull Att tal-Istat Civili relattiv ghar-rikorrent Samson Leguesse kif ukoll ghat-tfal tieghu u dixxendenti ohra senjatament fl-atti li jgibu n-numri 0071076 bin-numru ta' iskrizzjoni 2388 mahrug fil-15 ta' Gunju, 1995 ta' Dawit Samson (fol. 19); dak bin-numru 0071081 bin-numru ta' iskrizzjoni 2232 mahrug fis-17 ta' Mejju, 1984 ta' Vincent Samson (fol. 21) u dak bin-numru 0071078 bin-numru ta' iskrizzjoni 3370 mahrug fit-8 ta' Awwissu, 1986 ta' Fikre Selam (fol. 23);

3. Tilqa' it-tielet talba u tordna li l-isem ta' Dawit Samson fl-Att tat-Twelid tieghu bin-numru 0071076 bin-numru ta' iskrizzjoni 2388 mahrug fil-15 ta' Gunju, 1995 (fol. 19) fil-kolonna intestat 'Ismijiet mghotijin' u fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha', l-ismijiet 'Dawid Samson' jigu sostitwiti bl-isem uniku **'David'**;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li t-tibdil fl-Att tat-Twelid bin-numru 0071076 bin-numru iskrizzjoni 2388 mahrug fil-15 ta' Gunju, 1995 jigi rifless f'kull Att tal-Istat Civili relattiv ghalih kif ukoll f'dawk l-atti kollha li t-tfal tieghu u dixxendenti ohra u fl-Att taz-zwieg tieghu bin-numru progressiv 1527 (fol. 71).

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha a kariku tal-atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2020**